FONTANA

Minuti tat-tlettax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tlieta, 28 ta` Marzu 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

Is-Sindku qal illi fil-minuti ta` qabel bi żvista ma tniżżilx li ser jiġi mqabbad is-Sur Pawlu Zahra bħala *Contracts Manager* biex isir il-*patching* neċessarju bit-tarmak. Dwar il-bdil tat-tappieri tad-drenaġġ mill-Kunsill is-Sindku qal li jrid iġib għall-attenzjoni tal-Kunsill li dan is-servizz ilu jingħata mill-Kunsilli preċedenti.

<u>Korrispondenza</u>

*TCTC* bagħtu korrispondenza dwar korsijiet tal-kompjuters li ser jiġu organizzati fis-Sajf. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir kors għall-*beginners* fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha ġġib aktar informazzjoni dwar dan il-kors.
L-Enġinier Renzo Curmi bagħat stima ta` Lm864.76,0 tal-*belisha beacon units* ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi ma jaqbilx ma` din l-istima u qal li dan hu serq faħxi. Is-Sindku qal li dawn hemm bżonn li jsiru peress li *zebra crossing* bil-lejl trid tkun mixgħula. Jekk isir xi nċident ikun responsabbli l-Kunsill. Dwar dan il-kuntratt iffirmat mill-Kumitat Konġunt dwar id-devoluzzjoni ta` l-*street lighting* hu nfurmah li meta ngħata madwar tliet snin ilu huwa kien astjena. Il-Kunsill qabel illi sakemm ma jkunx qed jinkiser il-kuntratt għandna nitolbu stima oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tistaqsi dwar dan. Il-Kunsill qabel illi jibgħat lura l-globi tal-*belisha lights* lill-*Koptasin* peress li huma għoljin ħafna u jagħtuna *credit note*.
Il-Fondazzjoni OASI ser torganizza 'Riflessi Sajfin' fit-12 t`Awwissu 2006. Il-fondazzjoni talbet *sponsorship* ta` Lm50 għal din l-attivita'. Il-Kunsill aċċetta li jħallas dan l-ammont.
Ms. Antoinette Psaila, Kap ta` l-Iskola Primarja Sir Arturo Mercieca, talbet lill-Kunsill għajnuna finanzjarja fl-okkażjoni tal-*Prize Giving Ceremony* li ser issir fit-30 ta` Marzu 2006. Il-Kunsill qabel illi jagħti l-ammont ta` Lm30.
Is-Surġent tas-CMRU Carol Fabri bagħtet korrispondenza dwar sensiela ta` taħditiet edukattivi li l-Korp tal-Pulizija nieda sabiex jitkattar is-sens ta` prevenzjoni fiċ-ċittadin. Is-

Surġent Fabri bagħtet lista ta` suġġetti għal dawn it-taħditiet. Il-Kunsill qabel illi ssir taħdita nġenerali fiċ-Ċentru Parrokkjali.
Il-Korporazzjoni EneMalta bagħtet korrispondenza dwar il-proċedura ta` lampi ġodda.
Is-Sur Noel Formosa, Rappreżentant Reġjonali, bagħat korrispondenza dwar laqgħa li ser issir mal-Kummissjoni Persuni b`Diżabilita f`Għawdex. Din il-laqgħa ser issir it-Tlieta 18 t`April 2006.
L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta ma sabet l-ebda oġġezzjoni sabiex isiru sinjali sofor fi Triq Wied Siekel kantuniera ma Triq Santa Dminka.
Dwar l-antenna li tinsab fi Triq John Gaspard Le Marchant u Triq il-Kardinal Alessandro Franchi l-MEPA bagħtet żewġ tweġibiet separati. Tweġiba minnhom kienet li l-antenna msemmija m`għandhiex bżonn permess ta` żvilupp u t-tweġiba l-oħra li l-istallazzjoni ta` antenna jkun meħtieġ li tiddaħħal applikazzjoni għall-permess ta` żvilupp. Is-Sindku qal illi l-MEPA trid tgħid liema hija t-tweġiba t-tajba minn dawn u għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv għandha tikteb dwar dan.
Il-MEPA bagħtet avviż t`infurzar fi Triq Wied Siekel.
Il-MEPA talbet aktar informazzjoni lill-Perit tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tat-tindif ta` Wied ix-Xlendi.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.
Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2006-2007. L-allokazzjoni tal-Fontana ser tkun Lm45,557.
Id-Direttur Natalino Attard bagħat korrispondenza dwar 'Konferenza Internazzjonali dwar l-Immaniġġjar tar-Riżorsi Kostali ta` Rikreazzjoni'.
Is-Sur Silvio Frendo mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza bis-suġġett *'Internet Centres Set Up'*. Il-Kunsill qabel illi jiffirma l-ftehim fejn jawtorizza lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali inaqqas Lm120 mill-allokazzjoni tiegħu bħala kontribuzzjoni għas-servizz ta` l-*internet*. Il-Kunsill qabel illi dan il-ftehim għandu jibda fis-seħħ mill-1 ta` Marzu 2006, għaldaqstant is-servizz ta` l-internet mingħand l-*On-Vol* għandu jiġi tterminat b`effett mill-15 t`April 2006.
Inqrat Ċirkulari AKL 18/2006 dwar Segretarju Eżekuttiv ta` L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.
Inqrat Ċirkulari AKL 19/2006 dwar *Yellow Pages* 2006/7.
Inqrat Ċirkulari AKL 20/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Cristina Bonello, omm is-Sur Peter Bonello, Sindku fil-Kunsill Lokali San Ġiljan.
Inqrat Ċirkulari AKL 21/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sinjura Cristina Bonello, omm is-Sur Peter Bonello, Sindku fil-Kunsill Lokali San Ġiljan.
Inqrat Ċirkulari AKL 22/2006 dwar Laqgħa għas-Sindki – Għawdex 2006 - Il-Ġimgħa 26 u 27 ta` Mejju 2006.
Inqrat Memo 7/2006 dwar Rapport ta` l-Awditur Ġenerali.
Inqrat Memo 8/2006 dwar Elezzjonijiet Kunsilli Lokali (Marzu 2006).

## Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

***Performace Bonus*** **tas-Segretarju Eżekuttiv**

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-*performance bonus rate* tas-Segretarju Eżekuttiv tkun dik ta` 10%.

Il-Kunsillier Lorry Apap talab li jiġi skużat u ħareġ mill-laqgħa fil-5.15p.m.

**Mozzjonijiet**

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi l-ewwel jikteb lill-Kappillan jekk isibx oġġezzjoni li jsir it-tisbieħ ta` Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali. Jekk jaċċetta, dan ix-xogħol għandu jsir wara l-festa.

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill qabel illi fl-okkażjoni tal-Milied u l-Festa Titulari tal-Qalb ta` Ġesu' joffri ikla b`xejn lil dawk l-anzjani li jgħixu waħedhom. Dan għandu jsir permezz t`applikazzjoni għal dan il-għan.

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jorganizza ġita għal Sqallija. Is-Sindku qal illi għandhom jinġabu prezzijiet kemm bl-ajruplan kif ukoll bil-katamaran. Il-Kunsilliera Maria Schembri ssuġġeriet li jinġabu prezzijiet għat-tfal. Il-Viċi-Sindku qal illi huwa jissuġġerixxi li din il-ġita tkun ta` tlett ijiem. Is-Sindku spjega l-ħinijiet u għaldaqstant sar qbil illi din il-ġita tkun ta` ġurnata, bħala l-ewwel darba. Is-Sindku għandu jġib il-prezzijiet għal din il-ġita.

**Il-Budget**

Waqt il-laqgħa ġie diskuss il-Budget għas-sena 2006/2007 fejn dan ġie approvat unanimament.

**Approvazzjoni ta` kontijiet**

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *M.E.P.A.* | Lm | 55.40,0 |
| *M.E.P.A.* | Lm | 55.40,0 |
| Zurrieq *Day Centre* | Lm | 24.00,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | Lm | 11.50,0 |
| *Director of Information* | Lm | 4.00,0 |
| *A&M Printing Ltd.* | Lm | 138.07,0 |
| *Zammit Aluminium Ltd.* | Lm | 31.20,0 |
| *Gozo Press* | Lm | 17.11,0 |
| *Office Needs* | Lm | 67.00,0 |
| *Office Needs* | Lm | 15.85,0 |
| *M.I.T.T.S.* | Lm | 205.01,0 |

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

| | | |
|---|---|---|
| Andrew Vassallo | Lm | 40.00,0 |
| *Water Services Corporation* | Lm | 5.13,0 |
| Laura Grech | Lm | 60.00,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm | 5.50,0 |
| *OS3* | Lm | 70.80,0 |
| *OS3* | Lm | 54.28,0 |
| *ALX Custom Computers* | Lm | 48.00,0 |
| *Info Express* | Lm | 17.70,0 |
| Anton Zarb | Lm | 200.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm | 6.63,0 |
| Pupull Attard | Lm | 288.00,0 |
| *Video-On-Line Ltd.* | Lm | 11.80,0 |
| Victor Attard | Lm | 123.81,0 |
| *Book Distributors Limited* | Lm | 3.96,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm | 114.98,0 |
| *Cordina Photo Market* | Lm | 5.60,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm | 24.16,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm | 9.21,0 |
| *Cassar Pet & Hobby* | Lm | 29.53,0 |
| *Agriculture Branch* | Lm | 14.16,0 |
| Jenise Grech | Lm | 69.44,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm | 20.00,0 |
| Josephine Gauci | Lm | 13.75,0 |
| *Bargate Bookshop* | Lm | 16.61,0 |
| Total | Lm2469.09,0 | |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 11/2005 ġiet approvata.

<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>

Is-Sur Pawlu Galea ta` 281A, Triq tal-Għajn, Fontana kiteb lill-Kunsill f`ismu u f`isem sidien li għandhom garaxxijiet fil- *'Fontanalla Gardens'* sabiex isiru sinjali sofor ma kull naħa ta` l-entratura peress li qed ikun diffiċli l-aċċess u l-ħruġ għal dawn il-garaxxijiet minħabba li jkun hemm vetturi pparkjati qrib tad-dħul. Il-Kunsill qabel illi jinżebgħu meta jsiru l-*parking bays* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

<u>Materji oħra</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi sabiex jitranġa l-*laser printer* hemm spiża ta` Lm80. Il-Kunsill ma qabilx illi jitranġa iżda jinxtara wieħed ġdid mingħand *Power Computers.*

Is-Sindku qal li tlestew is-sitt fanali li l-Kunsill kien ordna u ppropona li tlieta jitwaħħlu fi Trejqet ix-Xagħri u l-Kunsill qabel li t-tlieta l-oħra jitwaħħlu fi Triq Għajn Tuta. Is-Sindku ppropona illi jiġu ordnati tmien fanali galvanizzati u miżbugħa mingħand Pupull Attard. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku qal illi hemm bżonn illi l-Kunsill jixtri giljottina biex jinqatgħu l-*paving blocks* tal-konkos sabiex tkun tista' tintuża mill-ħaddiema li għandu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel.
Is-Sindku ppropona li kif ġie msemmi fil-laqgħa tal-lokalita' b`effett mit-12 t`April 2006 il-latrini pubbliċi jibdew jinfetħu fit-tmienja ta` filgħodu għal żieda fil-ħlas ta` 46ċ kuljum bħal ma kien fis-sajf li għadda. Din għandha tibqa` tinfetaħ hekk sat-30 ta` Ġunju 2006, id-data meta jispiċċa l-kuntratt. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma b`dan lil Jenise Grech.
Is-Sindku ppropona li ssir ħarġa għat-tfal f`Malta fil-vaganzi ta` l-Għid fl-okkażjoni tal-Festa ta` San Girgor. Il-Kunsill qabel u s-Sindku għandu jipprepara l-programm.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret il-ħarġa għall-anzjani f`Malta nhar is-16 ta` Marzu fejn saret quddiesa fis-Santwarju Ġużeppin tal-Patrijiet ta` Ġieżu fl-okkażjoni tal-festa ta` San Ġużepp fir-Rabat Malta, wara żorna l-Monti taż-Żurrieq, kif ukoll id-*Day Centre* tal-lokal fejn l-anzjani ngħataw kafe' u xi ħaġa ta` l-ikel ipprovduti mill-Kunsill tagħna. Komplejna biż-żjara tagħna f`Wied iż-Żurrieq u l-kampanja tar-Rabat, fosthom l-Imtaħleb, Kunċizzjoni, Baħrija u l-irdumijiet ta` Ħad-Dingli.
Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa ma` rappreżentanti tal-*Europe Direct* Maryrose Francica u Angele Giuliano. Ġie diskuss kif wieħed jista' jikkopera u jagħmel użu min dak li qed joffru tal-*Europe Direct*. Is-Sindku qal li ġie miftiehem li tista` ssir koperazzjoni dwar l-anzjani, l-ambjent u anke ssemmiet il-possibilita li jiġi organizzat *'Fireworks Festival'* fil-Fontana fejn jieħdu sehem pajjiżi barranin. Huma lesti li jiġu jagħtu taħditiet dwar suġġetti differenti. Il-Kunsill qabel illi jiffirma l-*Cooperation Agreement* ma` l-*Europe Direct*.
Saret seduta oħra quddiem l-Assistant Ġudizjarju dwar ir-*roadhump* fil-parti ta` fuq nett ta` Triq tal-Għajn. Attendew is-Sindku u l-Avukat Chris Said.
Sar ukoll il-*patching* ta` Triq l-Isptar San Ġiljan, il-parti t`isfel ta` Triq tal-Għajn u Triq ix-Xlendi mill-uffiċjal responsabbli mit-toroq arterjali, is-Sur Louis Portelli.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li twaħħlu żewġ bankijiet ġodda kif approvat mill-Kunsill il-fuq mill-Uffiċċju tal-Kunsill, u dawk li nqalgħu twaħħlu fi Triq Wied Siekel.
Twaħħal ukoll *bin* ġdid f`tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, ħdejn il-Korporazzjoni EneMalta.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li flimkien mal-Perit Saliba żar il-ħajt tas-sejjieħ li l-Kunsill għandu kwistjoni dwaru fi Triq ix-Xlendi. Il-Perit qal li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jsir xi ħlas dan għandu jitlob dikjarazzjoni mill-kuntrattur li dak il-ħlas hu finali. Is-Sindku qal li għall-laqgħa li jmiss għandu jiġi mitlub jattendi l-Avukat Chris Said biex jagħti parir lill-Kunsill dwar x`għandu jagħmel biex dan il-każ jingħalaq, dan l-aktar għar-raġuni li dan il-ħajt mistenni li jitneħħa aktar tard matul din is-sena peress li ser tinbena mill-ġdid Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill qabel. L-appell mill-*Stop Notice* tal-MEPA dwar dan il-ħajt ġie diferit għal Lulju li ġej.
Saret ukoll il-laqgħa ta` kull sena għall-komunita' tal-Fontana fiċ-Ċentru Parrokkjali. Attendew sitt persuni fejn kien hemm suġġeriment dwar il-latrini u anke biex it-traffiku tax-Xlendi jibqa` kif ser isir meta tkun qed tinbena it-triq tax-Xlendi, jiġifieri jinżel mill-Fontana u jitla minn Ras il-Bajjada Munxar.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li għamel żjara fix-xelter ta` ħdejn l-Għajn il-Kbira mas-Sur Michael Bugeja biex jagħti stima tax-xogħol tad-dawl li hemm bżonn isir f`dan ix-xelter. Sar ukoll il-bdil tal-pjanti tal-qsari li hemm fuq l-Għajn ta` Bendu.
Fil-*magazine* 'Il-Ħajja f`Għawdex' deher artiklu dwar iż-żjara ta` l-Isqof l-Eċċ. Mario Grech li għamel fil-Kunsill tal-Fontana. Din l-informazzjoni dehret ukoll fl-Awstralja fil-gażetta *"The Maltese Herald"*.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sar rapport lill-Pulizija nhar it-13 ta` Marzu dwar ħsara li saret matul il-lejl b`vettura fit-telgħa `l isfel mill-Knisja, fejn inkiser *bollard* tal-konkos, fanal dekorattiv, *railing* kif ukoll *retaining wall*. Il-Pulizija nfurmat li ma daħal l-ebda rapport l-Għassa tar-Rabat. Is-Sindku qal li l-għada t-Tlieta 14 ta` Marzu filgħaxija għamel rapport ieħor lis-Surġent Mizzi li miegħu sar l-ewwel rapport fejn talbu jinvestiga lis-sidien tat-*tow trucks* f`Għawdex biex jara jekk xi ħadd minnhom tax xi servizz lil min ħabat, dan peress li matul il-lejl li seħħ l-inċident kien sema` *truck* tiela`. Meta nvestiga s-Surġent qal li sab min għamel dik il-ħsara u ffirma dikjarazzjoni li ser iħallas. Għaldaqstant inġabu l-istimi tal-ħsara li tammonta għal madwar Lm390. Sar ukoll rapport lill-kumpanija ta` l-*insurance* tal-Kunsill.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li avviċina lil Joe Mercieca, wieħed mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill biex nhar ta` Sibt meta jkun hemm is-servizz ta` *skip* joqgħod għassa miegħu, bejn is-7.30a.m. u s-1.00p.m. Is-Sur Mercieca jixtieq jinforma lill-Kunsill li għalissa ma jistax jaċċetta.
Ġew ukoll mibdula l-pjanti tal-qsari tat-telgħa `l isfel mill-Knisja, twaħħlet il-mera mitluba minn Tonio Schembri quddiem l-Isqaq Nru. 2 fi Triq tal-Għajn. Saru wkoll is-sinjali tat-traffiku fi Triq Wied Siekel, Triq il-Kardinal Alessandro Franchi u fi Triq il-Qalb ta` Ġesu' kif approvati mill-A.D.T., kif ukoll tabella li tindika *'Stop'* f`tarf Trejqet ix-Xagħri.
Sar xogħol mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill ta` tkomplija ta` manutenzjoni tas-sinjali tat-traffiku. Irranġar tas-siment ta` wara s-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali, kif ukoll sar twaħħil ta` tabella dwar il-ħmieġ tal-klieb fi Triq is-Sajjieda.
Is-Sindku flimkien ma` l-Enġinier Camilleri tal-W.S.C. għamel żjara f`Wied Siekel u tarf Triq Għajn Tuta fejn saret applikazzjoni lill-MEPA għal xogħol li ser isir mill-Kunsill kif ukoll l-Għajn ta` Bendu biex isir test taħt l-art b`apparat apposta biex jinstab fejn hi miżduda.
Saret ukoll żjara mis-Sindku fit-toroq li hemm bżonn isir *patching* mal-*Contracts Manager*, is-Sur Paul Zahra, fejn saret stima tax-xogħolijiet li hemm bżonn isiru skond il-kuntratt li għandu l-Kunsill. L-istima ta` Lm759.742 għall-*patching* intbagħtet lill-kuntrattur Mario Gatt fejn dan ikkonferma din l-istima u għaldaqstant dan ix-xogħol għandu jsir.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mis-Superintendent tad-Distrett t`Għawdex dwar problemi li hawn fil-Fontana.
Is-Sindku ppropona wkoll li tinħareġ offerta biex tinxtara *'Playcentre'* għall-*Playing Field* kif approvat mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.45 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 26 t`April 2006 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

Josianne Cassar    Saviour Borg

FONTANA

Segretarju Eżekuttiv Sindku

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555